# DEĊIŻJONI (UE) 2018/2049 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

## tat-12 ta' Diċembru 2018

## dwar l-approvazzjoni tal-volum ta' ħruġ ta' muniti fl-2019 (BĊE/2018/35)

IL-BORD EŻEKUTTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 128(2) tiegħu,

Wara li ra d-Deċiżjoni (UE) 2015/2332 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-4 ta' Diċembru 2015 dwar il-qafas proċedurali għall-approvazzjoni tal-volum ta' ħruġ ta' muniti tal-euro (BĊE/2015/43) ([1]) u b'mod partikolari l-Artikolu 2(9) tagħha,

Billi:

(1) Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) għandu d-dritt esklussiv mill-1 ta' Jannar 1999 biex japprova l-volum ta' muniti maħruġin mill-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro.

(2) Id-19-il Stat Membru li l-munita tagħhom hija l-euro ppreżentaw lill-BĊE it-talbiet tagħhom għall-approvazzjoni tal-volum ta' muniti li għandhom jinħarġu fl-2019, flimkien ma' noti spjegattivi dwar il-metodoloġija tat-tbassir. Uħud minn dawn l-Istati Membri pprovdew ukoll informazzjoni addizzjonali dwar muniti fiċ-ċirkolazzjoni, fejn din l-informazzjoni hija disponibbli u kkunsidrata importanti mill-Istati Membri kkonċernati biex tiġi ssostanzjata t-talba għall-approvazzjoni.

(3) Peress li d-dritt tal-Istati Membri li joħorġu muniti tal-euro huwa soġġett għall-approvazzjoni mill-BĊE tal-volum tal-ħruġ, il-volumi approvati mill-BĊE m'għandhomx jinqabżu mill-Istati Membri mingħajr approvazzjoni minn qabel mill-BĊE.

(4) Skont l-Artikolu 2(9) tad-Deċiżjoni (UE) 2015/2332 (BĊE/2015/43), is-setgħa li jiġu adottati deċiżjonijiet dwar talbiet għal approvazzjoni annwali għall-volum annwali ta' ħruġ ta' muniti ppreżentati minn Stati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro hija ddelegata lill-Bord Eżekuttiv meta ebda modifika tal-volum mitlub ta' ħruġ ta' muniti ma tkun meħtieġa,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

### Approvazzjoni tal-volum ta' muniti tal-euro li għandhom jinħarġu fl-2019

Il-BĊE b'dan japprova l-volum ta' muniti tal-euro li għandu jinħareġ mill-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro fl-2019, kif jidher fit-tabella li ġejja::

| | Volum ta' muniti euro approvati għall-ħruġ 2019 | | |
|---|---|---|---|
| | Muniti fiċ-ċirkolazzjoni | Muniti għall-kollezzjonisti (mhux intiżi għaċ-ċirkolazzjoni) | Volum ta' ħruġ ta' muniti |
| | (EUR mijuni) | (EUR mijuni) | (EUR mijuni) |
| Il-Belġju | 46,0 | 1,0 | 47,0 |
| Il-Ġermanja | 401,0 | 231,0 | 632,0 |
| L-Estonja | 10,2 | 0,3 | 10,5 |
| L-Irlanda | 11,0 | 0,5 | 11,5 |
| Il-Greċja | 110,9 | 0,6 | 111,5 |
| Spanja | 357,2 | 30,0 | 387,2 |
| Franza | 235,8 | 50,1 | 285,9 |
| L-Italja | 204,2 | 2,1 | 206,3 |

([1]) ĠU L 328, 12.12.2015, p. 123.

| | Volum ta' muniti euro approvati għall-ħruġ 2019 | | |
|---|---|---|---|
| | Muniti fiċ-ċirkolazzjoni | Muniti għall-kollezzjonisti (mhux intiżi għaċ-ċirkolazzjoni) | Volum ta' ħruġ ta' muniti |
| | (EUR mijuni) | (EUR mijuni) | (EUR mijuni) |
| Ċipru | 13,5 | 0,1 | 13,6 |
| Il-Latvja | 15,7 | 0,2 | 15,9 |
| Il-Litwanja | 22,0 | 0,7 | 22,7 |
| Il-Lussemburgu | 12,4 | 0,2 | 12,6 |
| Malta | 9,0 | 0,2 | 9,2 |
| In-Netherlands | 25,0 | 3,0 | 28,0 |
| L-Awstrija | 73,2 | 153,4 | 226,6 |
| Il-Portugall | 43,1 | 2,5 | 45,6 |
| Is-Slovenja | 22,0 | 1,5 | 23,5 |
| Is-Slovakkja | 17,0 | 1,2 | 18,2 |
| Il-Finlandja | 15,0 | 10,0 | 25,0 |
| **Total** | **1 644,2** | **488,6** | **2 132,8** |

*Artikolu 2*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum meta tiġi nnotifikata lid-destinatarji.

*Artikolu 3*

**Destinatarji**

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro.

Magħmul fi Frankfurt am Main, it-12 ta' Diċembru 2018.

*Il-President tal-BĊE*

Mario DRAGHI